SANNAT

Minuti tas-sittax il-laqgħa tas-seba' tal-leġislatura tal-Kunsill Lokali Sannat li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tnejn, 21 ta' Ġunju 2010 fis-7.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| Kunsilliera | |
| | Guda Taddeus Bajada |
| | Manuel Tabone |
| | Joseph Bajada |
| L-Uffiċjali: | |
| Is-Segretarju | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1 Approvazzjoni tal-Minuti**

778 Ġew approvati u ffirmati l-minuti tal-laqgħa numru ħmistax li saret fis-27 ta' Mejju fis-7.00 ta' filgħaxija.

**Item 2. Mill-Minuti**

779 *(para. 668)* Fit-3 ta' Ġunju 2010 sar il-*launching* tal-*co-operation agreement* bejn il-Kunsilli Lokali Tax-Xewkija, Ta' Sannat u Tax-Xagħra ma' Green Pack Coop dwar il-ġbir tal-iskart separat fi Triq Tingi, fix-Xewkija. Preżenti għal din l-okkażjoni kien hemm l-inġinier tal-GreenPak , l-Onor. Dr. Stefan Buontempo kelliemi għal Kunsilli Lokali tal-Partit Laburista, l-Onor. Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentari għal Konsumaturi, Kompetizzjoni Ġusta, Gvern Lokali u Konsultazzjoni Pubblika kif ukoll l-Onor.Giovanna Debono Ministru għal Għawdex li lkoll għamlu diskors għall-okkażjoni.

780 *(para. 769)* L-avviż ta' tenders tas-Servizz għal knis tat-toroq urbani, tal-latrini pubbliċi u l-kwotazzjonijiet tal-photocopier ġew ippublikati u ser jagħilqu fit-2 ta' Lulju 2010.

781 *(para. 697)* Rigward l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat għall-bini ta' latrina pubblika fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini, il-Kunsill ma ikkwalifikax għaliex ma kellux l-permessi tal-MEPA.

782 *(para. 715)* Il-bozza ġdida fin-naħa ta' fuq Ta' Triq Ċenċ twaħlet.

783 *(para. 734)* Mill-Iskema ta' Finanzjament ta' Proġetti Speċjali f'Lokalitajiet Żgħar, il-Kunsill Lokali Sannat flimkien mal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ġie approvat lilhom €15,000 bħala għajnuna għall-proġett tal-Mġarr ix-Xini Regional Park ħalli jitkomplew l-iskavi mibdija. Is-

Segretarju Parlamentari ippreżenta cheque ta' €7,500 lis-Sindku tal-Kunsill tax-Xewkija u €7,500 oħra jingħataw wara li x-xogħol ikun tlesta u d-Dipartiment jirċievi l-irċevuti meħtieġa li x-xogħol msemmi sar u jiġi ċċertifikat li tlesta. George Azzopardi kiteb ittra ta' ringrazzjament lil Dr. Chris Said tal-għoti tal-flus għall-proġett f'isem l-Action Committee, il-Kunsill Lokali Tax-Xewkija u l-Kunsill Lokali Ta' Sannat. Dr. Chris Said ser iżur is-sit ta' Għar ix-Xih fit-3 ta' Lulju fil-10.-00 a.m. u Tal-Loġġa fid-29 ta' Lulju fil-10.30 a.m. Id-dati definitivi għall-iskavi ser isiru bejn il-21 ta' Ġunju u s-16 ta' Lulju 2010 f'Għar ix-Xih u bejn is-26 t Lulju u s-6 ta' Awissu 2010f' Tal-Loġġa. Riġward l-Open Days għall-Pubbliku għall-iskavi ta' Għar ix-Xih qed jiġi propost li l-ġurnata tkun l-Erbgħa ta' tielet ġimgħa ta' Lulju u dik Tal-Loġġa hi dik ta' l-Erbgħa, 4 ta' Awwissu 2010.

784 *(para. 747)* Il-perit Gordon Vella li kellu jagħmel x-xogħol konness mal-istudju tal-irziezet fil-lokalita' ta' Sannat baqa' ma rrispondiex.

785 *(para. 748)* L-avviż tat-Tenders tal-*Urban solid-refuse collection services* dehret fuq it-*Tender Electronic Daily* mill-1 ta' Ġunju 2010.

786 Il-laqgħa ta' nformazzjoni dwar l-iskema ta' għajnuna Finanzjarja għal-Korsijiet Lifelong Learning saret fit-8 ta' Ġunju 2010 fil-Kunsill Lokali tan-Nadur.

787 *(para. 750)* Rigward l-interview ta' skrivan part time mal-Kunsill applikaw 72 persuna. Il-Kunsill għadu ma ffissax data għaliex s-Sindku qal li Joe Cordina, iċ-chairman tal-bord jista' jkun li ma jkunx jista' jibqa' fil-bord għaliex ikun imsiefer u ma' jkunx jista' jibqa' fil-bord.

788 *(para. 764)* Inkitbet ittra lil Ruben Camilleri, il-kuntrattur li ngħata x-xogħol tal-kwotazzjoni 01/2010 għal galvanized wrought iron fence u ngħata ġimgħa żmien sabiex jinforma lil-Kunsill li hu jrid jagħmel ix-xogħol. Dan ċempel il-Kunsill, imma ma kitibx u qal li għandu ħafna xogħol u ma għadux interessat. L-inqas prezz ta' warajh hu ta' Lawrence Farrugia bil-prezz ta' €1,791.50ċ

789 *(para. 765)* Inkitbet ittra lil Cisju Attard, il-kuntrattur li ngħata x-xogħol tal-kwotazzjoni 02/2010 għal galvanized wrought iron balcony railings u ngħata ġimgħa żmien sabiex jinforma lill-Kunsill li hu jrid jagħmel ix-xogħol. Dan irrisponda bil-miktub u qal li ser jagħmel x-xogħol.

790 *(para.766)* Inkitbet ittra lil Lawrence Farrugia, il-kuntrattur li ngħata x-xogħol tal-kwotazzjoni 03/2010 għal galvanized wrought iron stairs u ngħata ġimgħa żmien sabiex jinforma lil-Kunsill li hu jrid jagħmel ix-xogħol. Lawrence Farrugia ċempel u qal li d-disinn fih ħafna xogħol u mhux ser jagħmlu kif inhu. Ta' warajh hu John Cini bil-prezz ta' € 3,499.92ċ. Din għandha tingħata lilu.

## Item 3. Korrispondenza

791 Gemma Debono kitbet lill-Kunsill li l-Kunsill spiċċa s-sena finanzjarja April/Diċembru 2009 bi żbilanċ ta' €6,282. Il-Kunsill ġie mitlub li jiġi aġġornat bil-qagħda finanzjarja preżenti u jintbagħtu *balance sheet* sa' l-aħħar ta' Marzu 2010. Dan id-dokument għandu jinkludi l-invoices kollha li l-Kunsill kellu sa dik id-data u l-lista tal-commitments. Deficit hu kawża tat-tinei kisja ta' tarmak li ngħata fi Triq il-Blat u Triq Vinċenzo Caruana Spiteri.

SANNAT

792 Rigward it-trinek tal-Korporazzjoni għas-Sevizzi tal-Ilma li saru fil-2007, 2008 u 2009, it-talba mill-Kunsill kienet ta' €12,669 għat-tlett snin. Minn dan jirriżulta li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ma jridux iħallsu dan l-ammont u bagħtu lista tat-trinek li ser iħallsu. Is-Segretarju kiteb lura u ġibed l-attenzjoni tal-Korporazzjoni li t-trinek li saru fit-toroq li huma bil-hot rolled asphalt iridu jitħallsu kollha.

793 Memo 72/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward ir-Regolamenti tal-2010 dwar l-Elezzjonijiet tal-Kumitati Amministrattivi għal Komunitajiet (lista tal-ispejjeż).

794 Memo 73/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn il-Kunsilli Lokali ġew mistiedna biex jieħdu inizjattivi favur aktar indafa fil-lokalitajiet bħala parti mill-inizjattivi Premju Lokalitajiet Indaf bejn 1 ta' Lulju sa l-aħħar ta' Ottubru 2010. Xi ideat huma ndafa ġenerali, kampanja edukativa favur l-indafa, attivita' ta' tindif bis-sehem tar-residenti. Tingħata għajnuna ta' mhux aktar minn €1,000 lill-Kunsilli Lokali Żgħar. Żmien hemm sa 30 ta' Ġunju 2010. Il-Kunsill għandu japplika biex jieħu sehem. Ir-residenti għandhom jiġu mħeġġa biex jipparteċipaw fil-ġbir tal-iskart mill-kampanja. Il-GreenPak Ltd. għandhom jintalbu sponsor ta' T-shirts għal din l-attivita'.

795 Memo 74/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward tqassim ta' dokumenti lill-membri tal-Kumitati Amministrattivi.

796 Memo 75/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward A.L. 119 tal-2002 – Regolamenti tal-2002 dwar attivitajiet li jeħtieġu permess mill-Kunsilli Lokali.

797 Memo 76/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward mistoqsija parlamentari numru 17175.

798 Memo 77/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward il-proċedura l-ġdida dwar mistoqsijiet parlamentari.

799 Memo 78/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Sejħa għal Proposti ta' Proġetti taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) 2007- 2013 immirata għall-Kunsilli Lokali. Din is-sejħa hija ristretta għall-interventi li jirrigwardjaw l-użu effiċjenti tal-enerġijia u sorsi rinovabbli tal-enerġija fl-infrastruttura minn Kunsilli Lokali u l-bini fejn ikun ser isir il-proġett għandu jkun proprjeta' tal-Kunsill jew tal-Gvern.

800 Memo 79/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward mistoqsijiet parlamentari 17861 dwar Kunsilli Lokali li diġa nstallaw pannelli fotovoltajiċi.

801 Memo 80/201 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li Ms. C. Farrugia ser tieħu ħsieb tal-web site.

802 Memo 81/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward mistoqsijiet parlamentari 18368/18369

803 Memo 82/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward mistoqsijiet parlamentari 17865 dwar jekk l-Kunsilli Lokali għandhomx bir.

804 Memo 83/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward mistoqsijiet parlamentari 17864 dwar Kunsilli Lokali li diġa nstallaw pannelli fotovoltajiċi fuq il-bjut tal-Kunsilli Lokali.

805 Memo 84/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward mistoqsijiet Parlamentari17861 dwar Kunsilli Lokali diġa nstallaw lift jew għamlu talba biex jinstallaw lift fil-Kunsill.

806 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward l-korsijiet tal-Livelong Learning fejn il-Kunsilli Lokali ġew infurmati sabiex sat-30 ta' Ġunju tagħtu l-isem tal-persuna li ser tkun tieħu ħsieb li tiġbor l-interess tar-residenti għall-korsijiet li ser jiġu mħejjija aktar tard din is-sena. Din il-persuna tkun il-contact person bejn il-Kunsill, id-Dipartiment għall-Gvern Lokali u d-Dipartiment għal-Lifelong Learning. Min-naħa tagħhom kif dawn ikollhom id-detalji meħtieġa huma jibgħatu l-applikazzjonijiet li ser iħejju apposta li tkun trid tintbagħat lir-residenti biex jinfurmawhom bl-interess tagħhom. Mal-applikazzjoni jkun hemm ukoll lista tal-korsijiet li bil-ħsieb li jitellgħu għal Ottubru li ġej. Il-Kunsillier Teddy Bajada għandu jkun il-contact person.

807 K.I.P. Għawdex kitbu li mill-1 ta' Ġunju 2010 huma bdew iħallsu €20 kull tunnellata għar-rimi tal-iskart. Peress li nhar ta' Ħadd ma jkollomx ġabra ta' skart domestiku l-iskips on wheels jitbattlu xorta waħda u huma dejjem ħallsu għar-rimi tagħhom kif kien miftiehem. Issa ma jistgħux ikomplu jagħmlu dan u ssuġerew li:

1. Jew ma jitbattalx nhar ta' Ħadd
2. Jekk jitbattlu jkollhom jiċċarġjaw lill-Kunsill €15 + VAT għat-tliet skips li hemm.

Il-Kunsill għandu jieħu deċiżjoni fuqha iktar tard sabiex jara x'ikunu l-implikazzjonijiet jekk jitneħħew imħabba l-Maltin li jiġu joqogħdu ta' Sannat fil-weekends.

808 Ittra mingħand Martin Xuereb & Associates rigward stedina għal laqgħa informattiva li kellha ssir nhar il-Ħamis, 10 ta' Ġunju 2010 fil-Palazz Palina fejn kellhom jiġu ppreżentati l-aħħar pjanijiet li ġew ippreżentati lill-MEPA rigward il-proġett ta' żvilupp f'Ta' Ċenċ. Waslet ittra mill-MEPA rigward Ta' Ċenċ fejn qalet li Ta' Ċenċ ġie protett bħala Żona Speċjali ta' Konservazzjoni (SAC) ta' importanza internazzjonali u Żona ta' Ħarsien Speċjali (SPA) skond il-provvedimenti tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali (Avviż Legali 311 tal-2006).

809 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar attendenza għal laqgħa ta' nformazzjoni dwar l-EU Eco-management and Audit Scheme (EMAS).

810 Ittra mis-Segretarjat Parlamentari għal Konsumaturi, Kompetizzjoni Ġusta, Gvern Lokali u Konsultazzjoni Pubblika fejn il-Kunsilli ntalbu nformazzjoni rigward il-proġetti kollha li saru permezz tal-għajnuna li ngħatat mill-Gvern Ċentrali fuq l-iskemi għall-Kunsilli Lokali li ħarġu dawn l-aħħar sentejn.

811 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward il-kompetizzjoni Ewropea li tippremja inizjattivi li ttieħdu biex tintuża enerġija alternattivia fil-lokalitajiet.

812 Ittra mingħand Silvio Frendo Ass. Direttur fejn talab spjegazzjoni għala l-Kunsill Lokali ta' Sannat ma nfetaħx f'żewġ Sibtijiet u ċioe, il-5 u t-12 ta' Ġunju 2010. Ingħatat ir-raġuni li ż-żewġ impjegati tal-Kunsill kienu ddikjaraw fil-bidu li mhux ser jidħlu jaħdmu nhar ta' Sibt u għalhekk ried jiġi mpjegat xi ħadd part time u għalhekk f'Ottubru nbeda l-proċess. Joseph Farrugia li qed assenjat bħala skrivan mal-Kunsill taħt l-iskema tal-Community Works Scheme aċċetta li jiftaħ l-uffiċċju hu nhar ta' Sibt. F'Marzu dan ma riedx ikompli jidħol xogħol u b'sagrifiċċju kellu jidħol s-Segretarju temporarjament. Dan l-aħħar s-Segretarju ma setax jidħol għal raġunijiet familjari. Id-Dipartiment ġie nfurmat li l-applikazzjoni tal-Clerk Part Time waslet fl-aħħar fażi. Is-Segretarju għandu jikkuntatja lil xi nies li kienu jaħdmu

SANNAT

mal-Kunsilli Lokali sabiex isib lil xi ħadd sabiex temporarjament jidħol jiftaħ l-uffiċċju nhar ta' Sibt sakemm jiġi ngaġġat il-part time clerk.

813 L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ser tagħmel il-laqgħa għas-Sindki fil-24 u 25 ta' Settembru 2010 fil-Lukanda Calypso, Marsalform, Għawdex. Il-formola ta' kull Kunsill Lokali trid tasal sa data stabbilita t-18 ta' Gunju, 2010.

814 Ittra mill-K.I.P. Għawdex li huma nfurmati li l-ġbir tal-borża l-griża ser jinġabar mill-GreenPak Coop. b'effet minn April 2010. Huma talbu direzzjoni dwar il-ħlasijiet tas-servizz u cioe lil min irridu jibgħatu l-kontijiet. Dan qed jagħmluh għaliex ġew infurmati li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali huwa eżentat minn dawn il-ħlasijiet. Is-Segretarju kellem lis-Sur Daniel Debono tal-Greenpak Coop rigward dan. Fil-fatt il-K.I.P. u l-Kunsilli konċernati ġew infurmati mill-GreenPak li mis-19 ta' April 2010 'il quddiem ser ikun iffinanzjat minnhom.

815 Ittra mill-Kunsill Lokali ta' Pembroke li s-17i l-konferenza tas-Sindki f'Malta ser issir bejn it-23 u l-25 ta' Settembru 2010. Kull min hu nteressat għandu jibbukja l-akkomodazzjoni u jimla l-ECAD XVll Mayors' Conference Registration Form.

816 Ittra mis-Segretarjat Parlamentari għal Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Gvern Lokali u Informazzjoni Pubblika li ser issir kompetizzjoni miftuħa għall-Awtoritajiet Lokali Ewropej fuq *good practices* li qiegħdin isiru biex jissapportjaw inizjatti għall-immigrati anzjani fis-soċjeta' tagħna.

817 Ittra mis-Segretarjat Parlamentari għal Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Gvern Lokali u Informazzjoni Pubblika b'referenza għal Memo 12/2010: għajnuna għat-Tħawwil ta' Siġar. Il-Kunsilli konċernati li applikaw għal din l-iskema ġew infurmati li din l-iskema ser titpoġġa *on ħold* ħalli jaraw sew kif ser jipproċedu biex ir-riżultat ikun verament dak mixtieq u li din l-iskema tkun ta' beneffiċċju għall-Kunsilli Lokali billi jitħawlu l-akbar ammont ta' siġar possibbli.

818 L-applikazzjoni tal-EU, *Europe for Citizens Programme 2007-2013 Action 1 "Active Citizens for Europe' Measure 1.1 " Town Twinning Citizens meetings' – Phase 2 Nru. 176904* f'Awwissu 2010 għal mawra f'Pisoniano flimkien ma' grupp minn Erchie ma ġietx approvata fir-rigward tal-*geographical impact*.

819 Ittra mingħand Gemma Debono, Head tal-Monitoring Unit tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali li Ms. Miriam Zammit li professjonalment hi accountant żdiedet mas-Sezzjoni tagħhom.

820 Ittra invit mill-uffiċċju tas-Segretarjat Parlamentari għat-Turiżmu biex issir diskussjoni rigward *Developing and enchancing excursion programmes*. Il-Kunsillier Manuel Tabone kiteb u qal li tkun opportunita tajba sabiex inqajmu l-każ tal-bajja ta' Mġarr ix-Xini, speċjalment fir-rigward tal-infrastrutura tat-triq u tal-faċilitajiet fil-bajja. Għandha tintbagħat ittra *reminder* lil-MTA, lill-Ministeru għal Għawdex u lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

821 Ittra li kellha ssir laqgħa fil-5 ta' Ġunju 2010 fl-uffiċċju tal-MCSD, ir-Rabat għas-Sindki Għawdxin biex jiltaqgħu ma' Dr. Gordon Cordina, ekonomista sabiex ifassal il-proposti tiegħi għal budget tas-sena 2011 għall-gżira Għawdxija.

822 Ittra dwar il-Newsletter Gozo Life & Property li tirrigwardja l-festi, attivitajiet kulturali, etc. biex jiġu ppublikati.

SANNAT

823 Ittra mill-MEUSAC rigward konferenza nazzjonali dwar *Europe's Common Agricultural Policy: Now and Beyond.*

824 Il-Kunsill irċieva kopja tas-survey li sar mill-MRRA fuq skart kummercjali li sar fil-lokalita' ta' Sannat mill-Wasteserv Malta Ltd.

825 Ittra minn ONE TV dwar programm għas-Sajf bl-isem Assedji bil-parteċipazzjoni ta' 8 persuni li jafu jgħumu tajjeb u lesti li jidħlu għal din l-isfida.

826 Ittra mingħand Jeanette Grima ta' *Get Ready to Bounce* li huma joffru servizzi ta' entertainment għat-tfal bħal *bouncing castles, face painting, balloon modelling, various games, ballon decorations etc.*

827 Ittra mill-Aġenzija Appoġġ flimkien ma' Dar Gużeppa Debono li jixtiequ jiġu jagħtu tagħrif dwar *fostering* biex b'hekk ikunu jistgħu jħajru aktar familji Għawdxin jidħlu għall-*fostering*.

828 Ittra mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li irċevew mingħand il-Caritas Malta Task Force.

829 Ittra mingħand il-pulizija li ser issir laqgħa nhar il-Erbgħa, 23 ta' Ġunju 2010 fis-6.00 p.m. fl-uffiċċju tal-ispettur J. Mifsud, ir-Rabat, Għawdex.

830 Stedina mis-Soċjeta' Mużikali Mnarja għall-kunċert fit-23 ta' Ġunju 2010 fid-9.30 p.m. fil-Pjazza Dun Martin Camilleri.

**Item 4. Komunikazzjoni mis-Sindku**

831 Notte Scarlata

L-attivita' Notte Scarlata li saret bejn il-4 u s-6 ta' Ġunju kienet tajba ħafna. Għandhom jinġabru l-kontijiet sabiex jtiħallsu.

832 Amministrazzjoni tal-Kunsill

Is-Sindku ppropona li jingħata l-faċilita' li jkun jista' jara l-emails li jidħlu fuq l-email tal-Kunsill. Is-Segretarju nfurmah li min-naħa tiegħu ma jsibx oġġezzjoni, l-importanti li jitħallew kopji tal-korrispondenza kollha li ssir f'isem il-Kunsill. Riġward l-uffiċċju, s-Sindku qal li nhar it-Tlieta, 15 ta' Ġunju l-uffiċċju nfetaħ fit-8.15 a.m. Is-Segretarju rrispondih li dak inhar hu mar il-Qorti fuq kawża tal-Kunsill u f'din il-kawża kellu jmur waħdu għaliex l-avukat li qed jirrappreżenta l-Kunsill ma setgħetx tmur il-qorti. Is-Segretarju ġibet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-ħaddiema tal-Kunsill li jaħdmu fuq barra qed jitilqu kmieni min fuq ix-xogħol xi ħaġa li jaf biha kullħadd. Fir-riġward tat-telefone s-Sindku qal li dan qed ikun okkupat għal ħafna ħin u tkun idea tajba li jibdew jitniżżlu t-telefonati li jsiru. Is-Segretarju qal li fl-uffiċċju ikun hemm ħafna telefonati li jidħlu u joħorġu u ser imur jagħmel l-*Webforme* tat-telephone, kif ukoll tibda tintuża wkoll l-linja tal-fax. Is-Sindku saqsa lis-Segretarju fliema stadju jinsabu l-accounts tal-Kunsill. Is-Segretarju rrisponda li beda l-ħlasijiet tal-25 ta' Mejju 2010.


Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat,
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

SANNAT

## Item 5. Materja Oħra

833 Wara li ġiet preżentata l-lista ta' tenders ta' Kumitat tal-Enerġija Photovoltalċi ġie ddikjarat li dik ta' Alberta Ltd. hi l-irħas waħda. L-ammont tal-Kunsill Lokali Sannat sabiex issir din l-installazjoni hu ta' €4,777. Ix-xogħol għandu jibda fi ftit żmien ieħor u jitlesta f'Diċembru 2010.

834 Saret applikazzjoni għand il-MEPA ta' Vestru Farrugia għal bini ta' stalel fi Triq Dun Luqa.

835 Saret applikazzjoni għand il-MEPA *02351/09 to sanction change of use to parking of tracks and flat trailers* fi Triq tal-Gruwa/Triq tal-Lewż.

836 Rigward l-applikazzjoni tal-Ħitan tas-Sejjieh tal-Measure 323 Conservation & Upgrading of Rural Heritage - wieħed biss gie jiffirma d-dikjarazjoni li ma jsibx oġġezzjoni li jsir restawr tal-ħajt tas-sejjieħ tiegħu.

837 Il-kawża tal-belvedere tal-Barumbara fi Triq Skerla ta' Zammit et vs il-Kunsill Lokali Ta' Sannat ġiet differita għat-30 ta' Ġunju 2010 sabiex jingħata żmien ħalli l-kawża ta' Zammit et kontra d-Dipartiment tal-Artijiet li ntrebħet mid-Dipartiment tal-Artijiet tingħatalha ż-żmien tagħha biex jkun jista' jsir l-appell.

838 Dwar il-kiosks fil-festa ta' Sannat ġie deċiż li jingħata żmien sal-15 ta' Lulju ħalli dawk interessati japplikaw u wara l-Kunsill jagħmel laqgħa biex jiddeċiedi kif ser iqassam din is-sena lil dawk li japplikaw. Fi Triq Sannat ser jitħallew dawk tal-pastizzi u tal-ġelati li għandhom jitpoġġew iktar 'l isfel. L-oħrajn ser jitpoġġew fuq naħa waħda ta' Triq it-28 ta' April 1688.

839 Rigward id-*double yellow lines* ta' Triq Xabbata ma' Triq Marsilja sar qbil li jsiru *double yellow lines* mal-kantuniera ħames metri f'kull triq.

840 Rigward Triq Gerxija sar qbil li fil-parti t'isfel fejn hi dejqa jsiru *double yellow lines* fuq in-naħa tad-djar sabiex ma jsirx parking fuq iż-żewġ naħiet tat-triq.

841 Fir-rigward ta' Triq il-Kbira fil-parti li tmiss ma' Triq Il-Kalkara tal-Ġir ġie deċiż li jsiru *double yellow lines* mid-dar ta' Joe Galea sa quddiem id-dar li hemm 'il fuq minnu. Dwar l-*speed limit* fl-istess triq ġie deċiż li jsiru fi tlett postijiet li huma; fit-tarf ta' Triq il-Kbira li tmiss ma' Triq il-Kalkara ta' Ġir, fejn ta' Gużeppa Camilleri u fejn il-ġibjun. F'kull post iridu jsiru tnejn kontra xulxin. Il-Kunsillier Teddie Bajada għandu jikkonsulta mal-uffiċċju ta' Transport Malta.

842 Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-kunsill li l-perit għadu ma għamilx l-istima ta' Triq l-10 ta' Ottubru 1942 għal applikazzjoni tal-għoti ta' tarmak taħt l-iskema *Public privite partnership*.

## Item 6. Ilmenti

843 Eugenia Camilleri, 167, Triq il-Kbira tablet sabiex jinbidel l-bank li hemm fi Triq l-10 ta' Lulju għaliex mhux komdu. Il-Kunsill qabel li dan il-bank jinbidel.

## Item 7. Approvazzjoni tal-Kontijiet

844 Ġew approvati l-kontijiet pendenti skond skeda nurmu 9.

Il-laqgħa spiċċat fil-9.40 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-30 ta' Ġunju 2010 fis-7.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Arthur Bajada | Philip Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

SANNAT

## *SKEDA TA' PAGAMENTI NUMRU 9*

Perijodu sat- Tnejn 21 ta' Ġunju 2010

| Nru Ref | Ħlas lil | Deskrizzjoni | Ammont € |
|---|---|---|---|
| 5562 | Arthur Bajada | Salarju ta' Mejju 2010 | 1427.37 |
| 5563 | Jason Curmi | Salarju ta' Mejju 2010 | 1128.85 |
| 5564 | Philip Vella | Honorarja tas-Sindku Mejju 2010 | 420.03 |
| 5565 | C.I.R. | Paye u N.I. ta' Mejju 2010 | 1141.40 |
| 5566 | Maltapost p.l.c. | Tqassim ta' Flyers Notte Scarlata ma' Għawdex kollu | 444.00 |
| 5567 | KDM Insurance Brokers | Insurance fuq in-nar ta' Notte Scarlata | 395.00 |
| 5568 | Arms Ltd. | Meter tad-dawl għan-Notte Scarlata | 130.00 |
| 5569 | D.O.I. | Avviż Tenders 02/03 - 2010 | 9.32 |
| 5570 | D.O.I. | Avviż Kwotazzjoni Photocopier | 9.32 |
| 5571 | Go p.l.c. | Telefons u fax Mejju 2010 | 278.52 |
| 5572 | MEPA | Bilanċ permess tal-MEPA PA02405/09 Playing field Tal-Bidwi | 163.02 |
| 5573 | May Vassallo | Kiri ta' Kustumi - Re-enactment Notte Scarlata | 600.00 |
| 5574 | Val Valente | Band - Notte Scarlata | 762.00 |
| 5575 | Gatt Tarmac Ltd. | Cold asphalt għall-patching | 815.00 |
| 5576 | Acc Public Cleansing Section, Gozo | Bulky refuse April 2010 | 34.22 |
| 5577 | Ronnie Dimech Power Sound | P.A. System attivita' mill-Green Pack 28.4.2010 fl-iskola | 141.60 |
| 5578 | Ronnie Dimech Power Sound | P.A. System attivita' Jum Sannat u Premju Ġieh Sannat | 177.00 |
| 5579 | Bonu Garage | Transport week end break 23-25.04.2010 | 315.00 |
| 5580 | G4S Securtiy Services (Malta) Ltd. | Cash collection Mejju 2010 | 22.83 |
| 5581 | Galea Curmi Engineering Cons Ltd. | Preparazzjoni ta' Tender - Fotovoltanic Pannels | 380.00 |
| 5582 | Mario Mallia | Slippery signs għal M[arr ix-Xini | 56.00 |
| 5583 | Galea Curmi Engineering Cons Ltd. | Contract manager fee Mejju 2010 | 38.76 |
| 5584 | Mary Mifsud | Cultural Leader April 2010 | 75.00 |
| 5585 | Dr Tek | Set Inka għal printer pc1 | 219.11 |
| 5586 | Dr Tek | Inka għal printer | 48.10 |
| 5587 | Micho Lighting | Dwal fis-serata' ta' Jum Sannat u Premju Ġieh Sannat | 420.00 |
| 5588 | Dr Tek | Set inka għal printer pc2 | 180.04 |
| 5589 | Sound Vision Print | Avviż skivan part - time fuq il-gazzetta Kullħadd | 105.63 |
| 5590 | Office Club | Stazzjonarju | 137.52 |
| 5591 | Rosani Ltd. | 17m drapp infrra white għal screan | 110.50 |
| 5592 | Charlie Xuereb | Hjata u ħoloq fl-iscrean | 69.62 |
| 5593 | Mario Mallia | Sinjali tat-toroq għal Playing Field u Mera Triq Ta' Cenc | 136.90 |
| 5594 | Stefan Pace | Tindif ta' toroq urbani Mejju 2010 | 645.29 |
| 5595 | Jason Sultana | Tindif u manutensjoni tal-playing field Mejju 2010 | 230.51 |
| 5596 | Jason Sultana | Tindif u manutensjoni tal-latrina pubblika Mejju 2010 | 138.30 |
| 5597 | K.I.P. Għawdex Ltd. | Ġbir ta' skart domestiku u skips on wheels Mejju 2010 | 2640.25 |
| 5598 | Union Print | Avviż skivan part - time fuq il-gazzetta Torca | 101.72 |
| 5599 | Local Wardens Service House Ltd. | Servizz ta' Gwardjani fin-Notte Scarlata | 550.11 |
| 5600 | Domnic Department Store | Chlorine u acid għal funtana | 25.35 |
| 5601 | Johana Caruana | Servizz ta' accountancy | 380.00 |
| 5602 | JCR Ltd. | Kurduna bankina ma' God Bless, Triq it-Tempju ta' l-Imramma | 43.37 |
| 5603 | Kummissarju tal-Puliżija | Servizz ta' puliżija extra | 114.79 |
| 5604 | Domnic Department Store | Żebgħa għar-railing f'Imġarr ix-Xini | 292.68 |
| 5605 | Simon Sultana | Irranġar ta' Arblu tal-bandiera fi Triq Sannat | 152.50 |
| 5606 | Joseph Mercieca | Servizz ta' fotografu Notte Scarlata | 450.00 |
| 5607 | Waste Serv Malta Ltd. | Depositu fil-landfill April 2010 | 906.64 |
| 5608 | Bartolo Catering & Dolceria | Ikla - ħarġa ta' l-anzjani 27.4.2010 | 180.00 |
| 5609 | Manuel Mercieca | Kiri ta' siġġijiet f'Notte Scarlata | 150.00 |
| 5610 | Maria Homoki | Bouncy castle f'Notte Scarlata | 160.00 |

Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat,
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

SANNAT

| | | | |
|---|---|---|---|
| 5611 | Mary Mifsud | Cultural Leader Mejju 2010 | 75.00 |
| 5612 | Victor Theuma | Servizz ta' suldati waqt re-enactment Notte Scarlata | 1100.00 |
| 5613 | Malta Red Cross | Servizz t' ambulanza fil-Kanrival 15.2.10 | 50.00 |
| 5614 | Josephine Galea | Servizz ta' librara Mejju 2010 | 87.45 |
| 5615 | Sinnet Folk Group | Servizz ta' żfin folk | 200.00 |
| 5616 | Acc Public Cleansing Section, Gozo | Bulky refuse Mejju 2010 | 9.78 |
| 5617 | Colin Muscat | Nar ta' l-art u ta' l-ajru Notte Scarlata | 1427.80 |
| | | | |
| | TOTAL | € | 20,503.20 |